**MALTA**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 21 ta' Marzu 2018**

**Kumpilazzjoni numru 407/06**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Abdilla)**

**vs**

**Silvio Cuschieri**
**(ID: 346570M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Silvio Cuschieri** talli fl-20 t'April 2006 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a. Mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati. (Dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kap 204 u tal-Artiklu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

b. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtara jew ircieva

minghand xi persuna jew persuni, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati. (Dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kap 204 u tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-posizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi dawn il-proceduri ilhom pendenti tnax-il sena u li l-imputat mal-ewwel okkazjoni li kellu ammetta l-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu. Hadet ukoll in konsiderazzjoni illi l-ammont ta' flus falsifikati huwa wiehed minimu u cioe` ta' tletin lira Maltin (Lm30), liema denominazzjoni illum m'ghadhiex valuta legali f'Malta. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni illi l-imputazzjonijiet li bihom gie akkuzat l-imputat, u cioe` r-reati ai termini tal-artikli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta kienu gew imhassra mill-istess Kapitolu permezz tal-Att XLIX tal-2016 pero` l-istess gew introdotti taht is-Sub Titolu III tat-Titolu V tal-Kodici Kriminali.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli  17 h, 188B u 188C tal-Kodici Kriminali gia` artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Silvio Cuschieri** ħati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, b'dana illi t-tieni imputazzjoni qieghda tigi dikjarata li qieghda titqies bhala mezz ai fini, u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tal-flus foloz maqbuda mill-Pulizija u cioe` dawk fl-ammont ta' tletin ewro Maltin (Lm30) favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-atti kollha relattivi jigu mibghuta lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur